# SANT'EFREM MIS-SIRJA

Billi qegħdin fix-xahar ta' Ottubru, xahar ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, ħsibna li nitkellmu fuq wieħed mill-għorrief tal-qedem, kittieb u poeta li nistgħu nqisuh bħala poeta marjan minħabba l-għadd kbir ta' xogħlijiet li ħarġu minn idejh b'ispirazzjoni marjana.

Kienet is-Sirja Nisranija tas-seklu erba' wara Kristu li tatna lil dan il-poeta għaref u qaddis. San Efrem twieled ġewwa Nisibi fir-Sirja fis-sena 306; tgħammed kbir u ġie ordnat djaknu fil-belt fejn twieled. Iżda fis-sena 363, il-Persjani ħabtu għal din il-belt u Efrem flimkien ma' għadd ta' nsara sabu l-ħelsien f'Edessa. Hawnhekk Efrem kompla jgħallem, jistudja, jitlob u jikteb. Hawnhekk imbagħad miet fis-sena 373 u ħallielna patrimonju imprezzabbli ta' għerf miktub f'sura ta' poeżija.

Efrem hu mportanti għax kien hu l-ewwel poeta nisrani li għanna l-kobor u l-misteri ta' Marija Omm il-Mulej. Il-versi tiegħu mhux biss huma mirquma bħala stil u liriċiżmu iżda jesprimu wkoll ħsieb reliġjuż mill-aktar profond. Efrem iħossu jistgħaġeb quddiem id-dehra tal-misteru ta' Marija. Hu kellu l-ħila jsib tixbihat u ideat ġodda biex ifisser dak li kien iħoss; nistgħu ngħidu li l-għajn poetika tiegħu ma kellhiex tmiem. Fil-poeżija tiegħu ħierġa mill-qalb, iħossu marbut ma' Marija u jrid li jħallas ta' dak li hi għamlet għall-ġid tal-bnedmin kollha.

Niġu issa biex naraw il-ħsebijiet li fisser fil-poeżija tiegħu.

**Qabel xejn Efrem** jistqarr li Marija hi l-ħlejqa ta' l-għaġeb wara Kristu. Infatti hu jistqarr: "Tassew Mulej Ġesu, inti u ommok intom sbieħ f'kollox. Fik ma nsibu l-ebda difett; u l-istess ma hemm ebda tebgħa fl-għażiża ommok".

Fil-personalita' straordinarja ta' Marija, Efrem jara s-sbuħija u l-perfezzjoni. "Qaddisa fil-ġisem, bajda fir-ruħ; safja fil-moħħ, sinċiera fil-għerf; perfetta fis-sentimenti, pura, fidila, qalbek bla tebgħa, mimlija b'kull virtu' ".

Minħabba dan il-kliem xi studjużi riedu li jistqarru li Efrem diġa' kien qed iħares lejn Marija Immakulata, bla tebgħa; iżda fi żmien Efrem kien għadu kmieni wisq biex wieħed seta' jitkellem fuq is-suġġett tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija.

Efrem irid jaqsam ma' ħaddieħor il-benna ta' dawn l-ispirazzjonijiet marjani; huwa jistqarr li jixtieq jissieħeb ma' l-għorrief i.e. ma' dawk li għandhom il-ħila jifhmu dawn is-sentimenti u għalhekk qabel xejn idur fuq il-profeti, fosthom Isaija li ħabbar li x-xebba kellha titqal u twelled iben u ssemmih Immagħnu El: "Ejjew għandi profeti, għorrief ħabbara ta' l-Ispirtu s-Santu li ħassejtu f'qalbkom id-dehra ta' ħwejjeġ mistura; intom bħall-bdiewa żrajtu u wara mortu torqdu bit-tama f'qalbkom li jkollkom ħsad tajjeb 'il quddiem; ifirħu bil-fortt tal-ħsad; araw fuq dirgħajja iż-żbula tal-ħajja li tagħti l-ħobż lill-imġewħin u taqta' l-għatx lil dawk li għandhom bżonn. Ifirħu miegħi għax jiena rċevejt il-ħodon tal-ferħ u l-hena",

Il-ħsieb ta' Efrem hu bbażat fuq ir-realta' li l-Iben t'Alla sar Iben Marija, fil-ġuf safi tagħha; minn hawn joħroġ il-kobor kollu u s-sebħ ta' Marija. Efrem iħobb jirrepeti din il-verita' taħt sura differenti, e.g. "Dak li joħloq kull sura umana fil-ġuf ta' l-omm ħalaq għalih innifsu sura ta' bniedem fil-ġuf safi ta' Marija".

Sant'Efrem jeħodha kontra l-eretiċi billi jistqarr li l-ħajja ta' Kristu kienet ħajja reali wkoll; vera u mhux ta' xi fantażma. Jgħidilna: "Il-mewt ta' Kristu fuq is-salib tixhed it-twelid tiegħu minn mara. Infatti jekk bniedem imut sinjal li kien twieled. Għalhekk it-tnissil ta' Ġesu bħala bniedem jidher ċar mill-mewt tiegħu fuq is-salib. Jekk wieħed jiċħad it-twelid ta' Kristu, is-salib ta' Kristu jmerih fl-argumenti tiegħu".

Minn dan il-kliem wieħed għandu jifhem li Efrem hawnhekk qed jafferma u jistqarr il-maternita' ta' Kristu, i.e. li Marija hija Omm Kristu u għalhekk Omm Alla".

Ta' min iżid jgħid li Sant'Efrem jibqa' mistagħġeb quddiem il-misteri li magħhom hi marbuta Marija. Meta jagħmel ċerti konsiderazzjonijiet Efrem jispiċċa biex jistqarr: "Mela min hi Marija?. Kemm hi kbira u mportanti Marija fl-għajnejn ta' Alla. Hu jgħid: "Ġesu bil-kelma tiegħu feraq il-blat tal-qabar; kif setgħet iġġorru fi ħdanha Marija? Min jista' jitkellem fuq l-Iben ta' Alla li ma jidhirx, li niżel mis-sema u nġabar fi ħdan Marija??"

Sant'Efrem jipprova jifhem kemm stagħġbet Marija hekk kif indunat li l-Mulej kien daħħalha sieħba fil-misteri hekk kbar. Hu jgħidilna: "Liema omm tażżarda tgħid lil binha: bħala Alla inti t-tama t'ommok; bħala bniedem inti ibni l-għażiż. Jeħtieġ li ommok tkun ħdejk b'sens ta' biża' u ta' mħabba fl-istess ħin".

Sant'Efrem ma jistax ma jaħsibx fuq il-verġinita' ta' Marija; huwa jistqarr li l-profeziji tat-Testment il-Qadim kollha jixhdu għal din il-verita' u jixħtu dawl fuq hekk. Hekk l-art verġni li tat il-ħajja lil Adam u 'l Eva; is-siġra taqbad mingħajr ma tinħaraq li ra Mose fid-deżert; il-profezija ta' Isaija dwar it-twelid tal-Messija minn Verġni ..... Saħansitra fil-misteru tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, Sant'Efrem jara konferma ċara tat-twelid verġinali minn Marija: "Meta Ġesu ħareġ mill-ġuf ta' Marija huwa ma kisirx is-siġill tal-Verġinita' bħalma ma kisirx is-siġill tal-qabar meta rebaħ fuq il-mewt".

(Ikompli f'paġna 11)

## SANT'EFREM MIS-SIRJA

(Ikompli minn paġna 10)

Efrem jara xebħ kbir bejn Marija u l-Knisja. Infatti hu jistqarr: "Marija hi s-simbolu tal-Knisja; għalhekk hi tirċievi qabel kulħadd l-aħbar tal-Vanġelu. Kien f'isem il-Knisja li Marija rat lil Ġesu fil-qawmien tiegħu, Ikun imfaħħar il-Mulej li mela bil-ferħ lil Marija u lill-Knisja tiegħu".

Efrem hu wieħed mill-ewwel għorrief u qaddisa li ressaq it-talb tiegħu quddiem Marija. It-talbiet tiegħu huma mimlija zelu u sbuħija eċċezzjonali; huma jixhdu fiduċja kbira f'Marija u umilta' f'min qed jitlob.

Intemmu dawn il-ħsebijiet b'żewġ talbiet komposti minn dan il-qaddis, Sant'Efrem mis-Sirja: "Marija l-aktar qaddisa u reġina, Omm Alla; mara l-aktar safja fir-ruħ u fil-ġisem, inti l-għamara fejn tgħix il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, inti tisboq bil-bosta il-ħlejjaq kollha bis-safa u l-qdusija tiegħek. Dawwar ħarstek lejja li jien midneb u mtebbgħa kemm f'ruħi kif ukoll f'ġismi .... Saffini u ddritta ħsebijieti mimlija dlam u żbalji; rażżan u mexxi s-sensi tiegħi. Meta jiena nkun ħlist mid-dlam tad-dnub, imbagħad ikun jixraqli nfaħħrek u ngħannilek, omm vera tad-dawl veru li hu Kristu, Alla Tagħna".

It-tieni talba ta' Sant'Efrem tgħid hekk: "Verġni l-aktar qaddisa, Omm Alla u mimlija bil-grazzja, sebħ tan-natura, wied li minnu jgħaddu għal għandna il-grazzji kollha; Medjatriċi tad-dinja quddiem il-Medjatur; post misterjuż li jgħaqqad is-sema u l-art; muftieħ li jiftħilna l-bieb tal-ġenna; avukata tagħna u medjatriċi tagħna ...Għin it-twemmin tiegħi u l-ħsebijiet twajba li għandi; ftakar fil-ħniena tiegħek u fil-qawwa tiegħek. Omm ta' dak li waħdu hu ħanin u twajjeb, ħu lil ruħi li ma jixirqilhiex u bil-qawwa tiegħek agħmel li jixirqilha toqgħod fuq il-leminija ta' Ibnek il-waħdieni ..."

Hawnhekk ta' min iżid jgħid li għall-ewwel darba fil-ħajja nisranija, Marija qed tiġi ndirizzata bħala Omm Medjatriċi, i.e. dik li tindaħal għalina quddiem Binha. Il-kliem ta' Efrem f'dan is-sens hu ċar, qawwi u deċiż. Marija għadha llum ukoll taqbeż għalina bħala wliedha u taċċetta t-talba tagħna kull meta aħna nersqu lejha biex nitolbuha fid-diffikultajiet li nsibu ruħna fihom fil-baħar tad-dinja.

F'dan ix-xahar ta' Ottubru, Marija tkun tistenna mhux biss li nuru devozzjoni permezz tar-Rużarju, imma aktar minn hekk tkun tistenna li aħna nimmeditaw fuq ħajjitha, fuq l-għeġubijiet u l-misteri li Alla għoġbu jdaħħalha fihom u fuq ir-rabta tagħha magħna.

**Dun Nikol Aquilina.**


# FRANS SALON

**GHAL KULL STIL, QTUGH U SETTING TA' XAGHAR**

**TA' TFAL, ĠUVINTUR U RĠIEL**

*IRRIKORRU GHAND:*

## FRANS SALON

**HAL XLUQ STREET, SIĠĠIEWI.**
**(HDEJN L-ISKOLA TAL-GVERN)**

***IT-TNEJN, IT-TLIETA, L-ERBGHA u L-ĠIMGHA***
***Mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m.***
***IS-SIBT: Mit-8.00 a.m. sas-7.00 p.m.***